# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, il-Ħamis, 3 ta' Ġunju, 2021

**Numru 6**

**Rikors Numru 884/20 TA**

**Robert C. Vella [K.I. Nru 174969M]**

**vs**

**TACA Insaat Ve Ticaret [OC1225]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Robert C. Vella (l-Attur) li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

"Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża

1. Ir-rikorrenti ġie ngaġġat mis-soċjeta` intimata bħala *Site Technical* Officer permezz ta' *Contract of Service* datat it-2 ta' Lulju 2019;

2. Fil-kuntratt surriferit, ġie maqbul illi s-soċjeta` intimata, ser tgħaddi lir-rikorrent il-pagament ta' elfejn u ħames mitt Ewro (EUR2,500.00) fix-xahar, eskluż it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT), in kunsiderazzjoni tax-xogħol eżegwit mir-rikorrent fil-proġett tal-Fortina Hotel, preċiżament f'Triq ix-Xatt ta' Tigne`, Sliema (PA/06252/17) u dana skont il-Kap 513 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. In vista tas-servizzi fornuti mir-rikorrenti lilha, is-soċjeta' intimata għaddiet il-pagamenti mensili hawn fuq imsemmija, għax-xhur ta' Lulju 2019, Awissu 2019 u Settembru 2019;

4. Minkejja illi r-rikorrent baqa jipprovdi tali servizzi lis-soċjeta` intimata sal-bidu ta' Ġunju tas-sena 2020, fejn is-servizz ġie terminat minħabba l-fatt illi tali servizzi fornuti mir-rikorrent ġew iċċertifikati illi ġew kompluti *in toto* mill-Uffiċju dwar ir-Regolament tal-Bini (L.N. 2019 tal-Kap. 513), l-aħħar pagament illi ġie mgħoddi lir-rikorrenti kien dak ta' Settembru 2019;

5. Nonostante diversi nterpellazzjonijiet sabiex is-soċjeta' intimata tgħaddi u taddivjeni għall-ħlasijiet dovuti lir-rikorrenti għall-imsemmi xogħol, sal-lum dawn baqgħu inadempjenti.

6. Ir-rikorrenti Robert C. Vella [K.I. Nru 174969M] jaf persolment b'dawn il-fatti kollha.

Raġuni tat-Talba

Peress illi r-rikorrenti għadu sal-lum ma tħallasx l-ammont dovuti lilu tax-xogħol illi huwa rrenda lis-soċjeta' intimata bħala *Site Technical Officer* u peress illi l-intimata baqgħet inadempjenti fil-ħlasijiet huwa kellu bilfors jistitwixxi dawn il-proċeduri.

Talbiet

Tgħid għalhekk, is-soċjeta' intimata, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara lis-soċjeta' intimata bħala debitriċi tar-rikorrenti;

2. Tillikwida, għar-raġunijiet premessi, l-ammont dovut lir-rikorrenti għax-xhur illi huwa ma tħallasx, ikkalkulat bl-imgħax legali sal-ġurnata tad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Tikkundanna, lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti dak l-ammont hekk likwidat;

Bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż kollha, imorru kontra s-soċjeta' intimata, illi tinsab minn issa inġunta għas-subizzjoni."

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Rat in-nota ta' ammissjoni tas-Soċjeta' Taca Insaat Ve Ticaret A.S (is-Soċjeta konvenuta) tas-sbatax ta' Marzu 2021 (a fol 67);

Rat li l-Kawża tħalliet għallum għas-Sentenza;

**Ikkunsidrat**

Dwar il-mertu ftit hemm xi tgħid għaliex kif diġa' rilevat is-Soċjeta` konvenuta ammettiet it-talbiet tal-Attur. Għalhekk din il-Qorti ser tilqa' it-talbiet tal-Attur kif mitluba billi tillikwida l-ammont dovut. L-attur jispjega li kellu €2,500 fix-xahar b'konsegwenza ta' *Contract of Service* datat 2 ta' Lulju 2019. Jgħid ukoll li l-aħħar pagament sar f'Settembru 2019 u għadhom iridu jitħallsu l-pagamenti sal-bidu ta' Ġunju 2020.. Dan ifisser li għad iridu jitħallsu pagamenti ta' disa' xhur, kull pagament ta' €2,500. Għalhekk l-ammont li qed ikun likwidat huwa dak ta' tnejn u għoxrin elf u ħames mitt Ewro (€22,500). Huwa dan l-ammont li jrid jitħallas lill-Attur.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba**;

**Tilqa' t-tieni talba** u tillikwida bħala ammont dovut lill-Attur mis-Soċjeta' konvenuta, bhala dawk ta' tnejn u għoxrin elf u ħames mitt Ewro (€22,500).

**Tilqa' it-tielet talba** tal-Attur u tikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas lill-istess Attur is-somma ta' tnejn u għoxrin elf u ħames mitt Ewro (€22,500) bl-imgħaxijiet legali kif mitluba.

Spejjes tal-Kawża a' karigu tas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**